(3) Kull ordni tal-Ministru responsabbli għall-Pulizija għat-tibdil ta' l-isem ta' triq jew biex jingħata jew jiġi approvat isem li bih għandha tissejjaħ triq ġdida, għandu jiġi maħruġ fil-Gazzetta tal-Gvern.

Tneħħija jew tħassir ta' isem ta' triq, subborg jew raħal.
Emendat:
II. 1880.2;
XIII. 1921.3.

23. (1) Ħadd ma jista' jiddistruġġi, ineħħi jew igħarraq l-isem ta' triq, jew jagħmel ħsara fil-pjanċa li fiha jkun impinġi dak l-isem jew iżid xi kelma ma' l-isem li jkun ġie mogħti lit-triq skond l-artikoli ta' qabel dan.

(2) Hekk ukoll ħadd ma jista' jiddistruġġi, ineħħi jew igħarraq isem ta' belt, subborg, jew raħal inkella avviż jew sinjal impinġi jew magħmul skond ma jingħad fl-artikoli ta' qabel dan, jew iżid fih xi kelma jew sinjal, jew jagħmel ħsara fil-pjanċa li fuqha jkun impinġi dak l-isem, avviż jew sinjal.

Egħluq ta' toroq waqt tiswijiet.
Emendat:
XXIII. 2000.30.

24. L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tista' tagħti ordnijiet u tagħmel dak li jkun meħtieġ biex tingħalaq triq u tinżamm il-mogħdija minnha waqt li tkun qiegħda ssir, titbiddel, tissewwa jew titneħħa, jew waqt li f'dik it-triq ikun qiegħed isir gandott, kanal jew xogħol ieħor pubbliku.

Xogħlijiet li jistgħu jġibu xkiel jew periklu fit-toroq.

25. Ħadd ma jista', mingħajr liċenza tal-Pulizija, jibni jew jagħmel ebda ħaġa fit-toroq li tista' ġġib xkiel jew periklu jew inkomdu lill-pubbliku, inkella jħalli, wara li jiġi mwissi mill-Pulizija, bini jew opri oħra fi stat ta' tiġrif jew ta' periklu għan-nies jew għal ħwejjeġ ħaddieħor.

Tankijiet eċċ. fuq jew parti minn ħitan.
Miżjud:
XV. 1985.2.

25A. Ebda persuna ma tista' tibni, iżżomm jew tħalli li jinżamm bħala parti ta' xi ħajt li jikkonfina ma' triq jew jidher minnha jew f'xi area li tidher minn xi triq, xi tank jew oġġett ieħor bħalu jew xi ħaġa oħra li ma tkunx materjal tal-bini b'mod li jitħassar u/jew jitkerraħ l-ambjent.

Ħaġa sporġuta fuq it-triq.
Emendat:
XXIII. 2000.30

26. Ħadd ma jista', mingħajr liċenza ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, jibni fi djar jew f'bini ieħor ebda ħaġa li tisporġi fuq it-triq.

Avviż lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta qabel ma jinbeda bini jew isir tħaffir.
Emendat:
XVII. 1893.12;
VI. 1937.4;
XXIII. 2000.30.

27. (1) Ħadd ma jista' jibda jibni jew jagħmel tħaffir li jmiss ma' triq jew f'bogħod ta' ħmistax-il metru minn triq, mingħajr qabel ma jagħti avviż ta' dan lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.

Il-qorti tista' ma tħallix li jsir bini li joħroġ fuq it-triq pubblika.

(2) Il-Qorti tal-Maġistrati tista', fuq talba ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, ma tħalli li jsir ebda bini li joħroġ fuq it-triq pubblika jew li jagħmlilha ħsara.

Setgħa ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta li tordna li bini maħtut jiġi mtella' fuq il-linja tat-triq.
Emendat:
A.L. 4 ta' l-1963;
XXIII. 2000.30.

28. Meta dar, bini, jew ħajt li jkollu naħa maħruġa 'l barra mill-linja regulari tat-triq, jitwaqqa' sabiex jinbena mill-ġdid jew jitbiddel, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tista' tordna illi dik id-dar jew dak il-bini jew ħajt jiġu mibnija fuq il-linja regulari tat-triq, bla ħsara dejjem tal-jedd għall-kumpens li jkun jistħoqq skond il-liġi.

X 29. Hadd ma jista', għal ebda raġuni, ikisser jew jiftaħ il-bankina jew il-wiċċ ta' triq mingħajr permess maħruġ mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, jew xort'oħra milli jkun hemm imniżżel f'dak il-permess. Wara li jitlesta x-xogħol li għalih ikun ħareġ dak il-permess, il-persuna li tkun qalgħat il-permess għandha, mill-aktar fis li jista' jkun, tirristawra l-bankina jew il-wiċċ hekk imkissra jew miftuħa.

Permess mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta għall-ftuħ ta' bankina jew ta' wiċċ ta' triq. Emendat: VI. 1937.5. XXIII. 2000.30

30. Waqt il-bini jew tiswija ta' triq, ta' kanal jew ta' gandott, jew ta' biċċa xogħol oħra fi triq, l-uffiċjal inkarigat għandu jieħu l-ħsieb meħtieġ biex tiġi skansata kull disgrazzja, u, jekk ikun meħtieġ, għandu jirfed b'puntali d-djar ta' mal-ġenb, u jieħu ħsieb li kull kanal, gandott, jew biċċa xogħol oħra jkunu mdawlin tajjeb u irparati, ma' tul il-lejl, sabiex ma jiġrux disgrazzji.

Ħsieb li għandu jittieħed waqt il-bini jew tiswija ta' toroq, eċċ.

31. Is-sid ta' dar jew bini ieħor għandu wkoll, meta jiġi biex iħott, jibni jew isewwi d-dar jew bini ieħor, jirfed bil-puntali, jekk ikun meħtieġ, kif jingħad fl-aħħar artikolu qabel dan.

Tirfid ta' djar waqt tiswijiet.

32. Kull min ikun irid iħott, jibni, ibiddel jew isewwi bini b'mod illi jkun meħtieġ li l-materjal tal-bini jitqiegħed fit-triq, jew b'mod illi jista' jkun kaġun ta' ħsara, periklu, jew ta' xkiel, għandu, qabel ma jibda x-xogħol, iqiegħed irpar biżżejjed tajjeb biex jifred mit-triq il-bini li fih kienu sejrin isiru dawk ix-xogħlijiet, u jħalli wisa' biżżejjed għall-mogħdija, u għandu jżomm dan l-irpar u dan il-wisa' fi stat tajjeb għaż-żmien kollu li jkun meħtieġ għas-sigurtà jew kumdità tal-pubbliku; u għandu, fil-każijiet kollha, meta meħtieġ sabiex ma jsirux disgrazzji, iqiegħed dwal biżżejjed matul il-lejl.

Irpar waqt tiswija jew bini.

33. Dwal biżżejjed għandhom ukoll jitqiegħdu, matul il-lejl, fuq jew ħdejn il-materjal poġġut fi triq, mill-persuna li tkun xeħtet hemm dak il-materjal, fiż-żmien li jkun isir xi bini, tiswija jew taħfir.

Dwal bil-lejl fuq jew ħdejn materjal fi triq.

34. Hadd ma jista' jħalli fi triq materjal ta' bini jew xkiel ieħor, jew taħfir mikxuf, għal żmien aktar milli jkun meħtieġ; u kull meta jiġri dan, il-prova illi ma jkunx għadda aktar żmien milli meħtieġ għandha tagħmilha l-persuna li tkun ġiegħlet li jinxeħet hemm dak il-materjal jew xkiel ieħor jew li jsir dak it-taħfir.

Ma jistax jitħalla materjal jew xkiel ieħor fi triq għal żmien aktar milli meħtieġ.

35. (1) Kull ftuħ f'wiċċ l-art jew f'bankina ta' triq, li jagħti għal sotterran bil-ħnejjiet, għal kantina, jew għal post ieħor taħt l-art, għandu jitgħatta b'bieb jew b'xi għata ieħor tajjeb, u dak il-bieb jew għata għandhom jinżammu mis-sid fi stat tajjeb.

Ftuħ f'wiċċ l-art jew f'bankina li jagħtu għall-kantini, eċċ., għandu jitgħatta.

(2) Iżda, meta dan is-sotterran, kantina, jew post ieħor taħt l-art ikunu ddestinati sabiex joqogħdu n-nies fihom, ikun biżżejjed li jsir, max-xfar tal-ftuħ, irpar tajjeb għas-sigurtà tal-pubbliku, meta dan jista' jsir mingħajr ma jġib xkiel kbir fit-triq.

36. (1) Id-detentur ta' fond għandu jibni mill-ġdid, mingħajr dewmien, il-ħajt ta' dak il-fond li jkun waqa' għal fuq it-triq, jew, il-ħajt diviżorju bejn fond u triq, li, skond il-fehma ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, ikun jiħtieġ illi jarġa' jinbena.

Bini mill-ġdid ta' ħajt imwaqqa' fuq triq. Emendat: XVII. 1893.3; XXIII. 2000.30.

(2) F'dan il-każ, igħoddu d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28, meta hemm lok.